# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 336/01mm**

**Joseph Farrugia ezercenti l-kummerc**

**f'isem id-ditta Farrugia Enterprises**

**vs**

**Anthony Scicluna u martu Catherine**

**Scicluna**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750.00) rapprezentanti l-

import ta' tliet *cheques* mahruga ghaf-favur tal-attur li ma gewx onorati mill-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz, u bl-imghax kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-22 ta' Jannar, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit / Dep Reg